MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru 181/2012

Il-Pulizija
(Spettur Kylie Borg)

vs

Christopher Ryan
Bradley Mckay

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 297494(M) u 245695(M) rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Novembru 2011;

(i) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innfushom jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

(ii) ghamlu dikjarazzjoni falza, jew taw taghrif falz jew ipproducew xi dokument falz meta kienu jafu li dan huwa falz;

(iii) bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' falsifikazzjoni, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm id-delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta l-imputati;

(iv) nhar l- 11 ta' Novembru 2011 gewwa l-Ufficcju Elettorali, Evans Building, il-Belt Valletta, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellha s-setgha b'ligi li taghti l-gurament cioè WPC 153 Dorothea Attard.

Christopher Ryan wahdu akkuzat talli;

(v) rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

(vi) ghamel reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta'sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn, moghtija mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D nhar l-20/09/2011 liema sentenza sospiza giet estiza ghall erba snin mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna nhar l-10 ta' Ottubru 2011.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti tahtom hin jikkonsidraw.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati tiddikjarhom u ssibhom hatja tal-akkuzi riportati kontra taghhom rispettivanent.

Rat l-istqarrijiet tal-imputati li minnhom jirrisultaw l-fatti li taw lok ghal dawn il- proceduri.

Rat l-Artikolu 188(2), 41 (a), 108 (1) (b) u 176 (b) (h) tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputat Christopher Ryan wahdu.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggihom taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Spiegat ir-responsabilita' lill-imputati skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------